ŻEBBUĠ

**Kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 28/2014 tas-6 ta' Marzu 2014**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 11 ta' Marzu 2014**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTIU KWOTAZZJONIJIET

**SERVIZZI TA' *CONTRACTS MANAGER*.**

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li ntefgħu ħames offerti għall-kuntratt għal servizzi ta' *contracts manager*. Hija qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | |
|---|---|
| William Sultana | 3.9% |
| Paul Caruana | 4.5% |
| Perit Alexander Bigeni | 4% |
| Joseph Zahra | 4.2% |
| Fortunato Mifsud | 5% |

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' William Sultana li kienet l-irħas waħda.

## 8. BUDGET 2014

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra abbozz tal-estimi finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2014. Is-Segretarja Eżekuttiva qrat id-dokument tal-budget. Wara xi mistoqsijiet u rimarki ta' kjarifika, il-Kunsill approva l-budget għas-sena 2014 kif preżentat.

Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel dawn is-sejħiet għall-offerti:

- għal servizzi ta' *contracts manager* – Perit.
- għall-proġett ta' Pjazza Madonna tal-Virtut.

## 9. JUM IŻ-ŻEBBUĠ

Għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żebbuġ '14, il-Kunsill ftiehem li jorganizza dawn l-attivitajiet:

| | |
|---|---|
| is-Sibt 26 ta' April | Logħob għat-tfal fil-grawnd tal-Iskola. |
| | Ċerimonja ta' tifkira fi Triq Mons De Piro. |
| il-Ħadd 27 ta' April | Tberik tal-*pets.* |
| it-Tnejn 28 ta' April | Quddiesa ta' radd il-ħajr. |

## 10. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 07/2014 – Victor Cini**
Biex qabel isir il-kisi ta' Triq Ħabel it-Twil, jinbena l-ilqugħ tat-triq u jissaqqaf il-gandott tal-ilma. Xogħol approvat, isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Camilleri u Saliba rtiraw mill-kamra tal-laqgħat.

Il-Kunsill approva li ssir rampa fi Triq Wied l-Infern, issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 11/2014 – Anthony Camilleri**
Titwaħħal lampa fuq arblu fi Triq tal-Kanun kantuniera ma' Triq il-Ponta. Il-Kunsill approva t-trasferiment tal-lampa mwaħħla ma' Dar Ajkla.

**Nru. 12/2014 – Toni Cini**
Talab biex issir bankina ġdida mar-residenza 'Ant Mar' fi Triq Għajn Mhelhel kantuniera ma' Triq il-Kaċċaturi. It-talba kienet approvata.

**Nru. 13/2014 – is-Sindku Nicky Saliba**
Biex għall-Ġimgħa Imqaddsa, isiru tnax il-salib fi Pjazza l-Assunta. Proposta approvata mill-Kunsill.

**Nru. 14/2014 – Domitilla Cefai**
Biex jitranġa l-ilqugħ ta' faċċata tar-residenza 42A fi Triq Skapuċċina u biex jintrifed il-blat. Xogħol approvat mill-Kunsill.

**Nru. 16/2014 – il-Kunsillier Joseph Camilleri**
Issir bankina ġdida ma' 'Camilleri Flts' fi Triq il-Qolla l-Bajda. Bankina ġdida approvata mill-Kunsill.

**Nru. 17/2014 – Joseph Saliba**
Talab biex tinbidel ir-rampa tal-garaxx tar-residenza Josmar fi Triq Għajn Mhelhel. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 19/2014 – il-Kunsillier Joseph Camilleri**
Għandu talba biex isir ftit konkos fit-triq quddiem l-għalqa ta' Joseph Grech fil-limiti ta' Triq Wied l-Infern. Xogħol approvat mill-Kunsill.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Dwar li ġie rappurtat fuq newsbook.com.mt bit-titlu '8 Kunsilli Lokali ma japplikawx għal fondi għall-attivitajiet kulturali', is-Segretarja Eżekuttiva ċaħdet li l-applikazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ma kienetx skont il-linji gwida u dan peress li fil-linji gwida mkien m'hemm imniżżel li logħob tan-nar hu skwalifikat.

Dwar il-polza tal-assikurazzjoni, il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Laferla Insurance Agency Ltd li kienet l-irħas waħda.

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |